# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Ottubru 2016

Citazzjoni Nru. 25 / 05RGM

Kawza fil-lista: 28

**W L**
**vs**
**S L**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:-

Premess illi l-kontendenti kienu zzewgu fit-30 ta' Mejju 1981 fil-Knisja ta' Bon Konsil, San Giljan.

Premess illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment.ghal ragunijiet li ghalihom tahti l-konvenuta S L minhabba eccessi u inkompatibilita' ta' karattri.

Premess illi minn dan iz-zwieg twieldu hamest itfal X illum 22 sena' A ta' 18-il sena, U ta' 16-il sena, E ta' 13-il sena u M ta' 12-il sena.

Premess illi minkejja li saret il-medjazzjoni skond il-ligi l-partijiet la wasslu biex jirrikonciljaw jew biex jersqu ghal separazzjoni bonarja.

Premess illi l-attur jixtieq jipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Tghid ghalhekk il-konvenuta, in vista tal-premess 'il ghaliex m'ghandiex din 1-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghal ragunijiet fuq imsemmija;

2. Tordna lill-konvenuta tohrog mid-dar matrimonjali;

3. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet u tiddikjaraha xolta;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi quddiem il-Medjatur kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici, l-eccipjenti filwaqt li tichad kategorikament l-addebitu dirett fil-konfront taghha mill-attur ta' eccessi, u kif ukoll tichad li l-konjugi ma kienux kompatibbli ma' xulxin sakemm dahlet mara ohra bejniethom, taqbel illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment unikament minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur li rrenda ruhhu hati ta' adulterju, sevizzji u eccessi fil-konfront tal-eccipjenti, u ghaldaqstant ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici fejn qed jintalab l-izgumbrament tal-eccipjenti mill-fond matrimonjali, din hi talba mill-aktar azzardata da parti tal-attur billi hu jahti unikament ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg kif gia inghad, u kif ukoll minhabba l-fatt li l-eccipjenti qed trabbi lill-uliedha minuri maghha f'dan il-fond, u billi wkoll ma tezisti l-ebda raguni ghala l-konvenuta ghandha tigi zgumbrata mill-fond in kwistjoni, u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda.

3. Illi dwar it-tielet talba attrici l-eccipjenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi dikjarata xjolta u li din tigi likwidata, f'zewg porzjonijiet mhux ugwali bejn il-kontendenti stante t-tortiiiet imputabbli lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u tipproponi din it-talba rikonvenzjonali taghha.

2. Illi l-kontendenti zzewwgu f'Malta fit-30 ta' Mejju 1981 u minn dan iz-zwieg twieldu hamest itfal, li minnhom tlieta u cioe' Dwayne (sbatax il-sena), E (erbatax il-sena) u M (tlettax il-sena) ghadhom minorenni.

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti konjugi L tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenut li rrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzji u eccessi fil-konfront tal-esponenti, u ghaldaqstant ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal dawn ir-ragunijiet.

4. Illi minkejja li l-esponenti ghamlet minn kollox biex issalva z-zwieg l-attur rikonvenut ma jridx isalva dan iz-zwieg.

Jghid ghalhekk l-attur rikonvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi L minhabba l-adulterju, sevizzi, u eccessi kommessi mill-attur rikonvenut.

2. Tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri tigi fdata lill-konvenuta rikonvenjenti fl-ahjar interess tal-istess minuri.

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut sabiex thallas lill-konvenuta rikonvenjenti ghaliha u ghall-ulied minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-attur rikonvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu l6 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominut nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-attur rikonvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tawrtorizza lill-konvenuti rikonvenjenti sabiex flimkien ma’ uliedha u ad eskluzjoni tal-attur rikonvenut tabita fil-fond matrimonjali numru 5, ‘Aloha’, Parish Street, Naxxar, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop inkluz li jigi ffissat zmien qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-attur rikonvenut minn dan il-fond.

7. Tordna lill-attur rikonvenut jirrestitwixxi lill-konvenuta rikonvenienti l-beni u krediti parafernali u dotali kollha taghha.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut li qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li taqra kif gej:-

1. Illi kif gja premess fic-citazzjoni promotur tal-attur rikonvenzjonat iz-zwieg tfarrak irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-martu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' April 2006 fejn il-Qorti kkonfermat n-nomina tal-Avukat Dottor Sandra Sladden bhala Perit Legali;

Rat l-affidavit tal-attur W L mahluf fl-20 ta' Gunju 2006, Fol 176;

Rat l-affidavit tal-konvenuta Fol 643;

Rat r-rapport tal-Perit Legali Dottor Sandra Sladden mahluf fl-14 ta' April 2016, Fol 676;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza, il-partijiet nghataw il-fakolta' li jippresentaw noti tal-osservazzjonijiet fit-termini hemm indikati, noti li l-partijiet naqsu li jippresentaw.

**IL-PROVI.**

L-attur, fl-affidavit tieghu, Fol 176 et seq, mahluf fl-20 ta' Gunju 2006, ikkonferma li zzewweg lill-konvenuta fit-30 ta' Mejju 1981 u kellhom hamest itfal, X li dak iz-zmien kellha 24 sena, A li kellu 19 il-sena, Dwayne li kellu 17 il-sena, E li kellu 15 il-sena u M li kellu 14 il-sena. Qabel izzewwgu damu xi tlett snin u nofs gharajjes u kellhom relazzjoni tajba.

It-tifla l-kbira twieldet sena u hames xhur wara li zzewwgu u jghid li mill-ewwel induna li martu bdiet taghmel kambjament fil-karattru u personalita' taghha. Bdiet issir nervuza u tahtfu ghal kull haga ta' xejn u tordnalu li jaghmel hafna xogholijiet fid-dar bhal tibjid tal-kmamar, tiswija ta' ghamara, kien qed ihossu qed jaqta' nifsu tant kienet esigenti. Kienet taqbad mieghu biex iddejqu. Ix-xoghol tieghu hu ta' kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija, pero' jaghmel ukoll xoghol ta' sprayer tal-ghamara maz-ziju tieghu Joseph L f'garage fin-Naxxar. Dan ix-xoghol kien jaghmlu biex minn dak li jaqla' jkun jista' jonfqu ghall-htigijiet tal-familja. Bhala kuntistabbli kien jahdem bix-shift u kellu hinijiet strambi.

Il-mara qatt ma hadmet, telqet mix-xoghol xahrejn qabel iz-zwieg. Ix-xoghol part time kien jaghmlu fil-hin li ma jkunx xoghol bix-shift, kien jkun ghajjien u jmur

id-dar u l-mara tibda tordnalu u teqriedlu. Jghid li tant saret esigenti li saret insopportabbli.

Hu ma kienx tal-fehema li jkollhom hafna tfal u peress li hi rieditthom kien jipprova jikkuntentha, anke ghalhiex hu haseb li b'hafna tfal fid-dar ma kienitx ser tibqa' taqbad mieghu. Hu jghid li hi xtaqet is-sitt tarbija u hu rresista billi f'dak iz-zmien iz-zwieg kien diga tfarrak. Meta kienu fil-kumpanija tal-hbieb kienet tiksru quddiemhom, kienet trid turi li ntelletwalment kienet superjuri ghalih, u li kienet tikkmanda hi. Hu jghid li l-atteggjament dominanti taghha kien il-kagun ta' hafna glied bejniethom, kienu jaghmlu xhur shah ma jitkellmux u l-anqas jorqdu fl-istess sodda. Ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu prattikament inezistenti hlief meta kienu jirrikonciljaw u martu kienet tohrog tqila.

Kienu jiggieldu spiss anke fuq l-icken haga. Meta qalilha li kien ser jiekel ma' shabu il-Pulizija hadet ghaliha u ghamlet tlett xhur ma tkellmux. Kienet supperva u zzomm f'qalbha. Darba hallietu wahdu ghal tlett gimghat, meta kellhom tlett itfal u marret tghix ghand ommha bit-tfal.

L-attur jghid li r-relazzjoni ta' bejniethom kompliet tiddetterjora u wara t-twelied tal-hames tarbija kienet litteralment spiccat. Hu jghid li kienu jghixu separati ghalkemm fl-istess dar. Bdew jorqdu fi kmamar separati u hekk baqghu. Hu jghid li ghall-mara d-dehra li huma taparsi mizzewgin kienet komda ghaliha. Ilhom aktar minn tmien snin jghixu ghar-rashom u ghalkemm akkuzatu b'adulterju kellu jkun hu li jibda bil-kawza ghax ma felahx jibqa' jghix ' f'dan l-infern'.

Jghid li lit-tfal bdiet tawwihom kontrih, kienu jgiebu ruhhom sew meta jkunu mieghu, izda fil-presenza taghha, billi kienu jibzghu minnha kienu jitbeghdu minnu. Ghall-habta tas-sena 1998, omm il-konvenuta, Rose Fiteni, li kienet tokkupa b'kera minn ghand il-Gvern il-flat 60 Flat 4, Celsi Flats, Independence Avenue Valletta, kella l-opportunita' li tixtrih bi skema ta' sussidju. Hi xtaqet li xi hadd minn wliedha johrog il-flus u hi thallieh b'wirt. L-attur thajjar anke minnhabba uliedu u hareg is-somma ta' LM4,700. Saret kostituzzjoni ta' debitu minn omm il-konvenuta favur il-partijiet, Dokument DP1. Il-hsieb ma kienx li jitolbuha l-flus lura, izda li thallih b'wirt lill-partijiet.

Minn wara dahru pero' saret l-iskrittura Dok DP2 fejn l-omm irrestitwit l-ammont lil bintha il-konvenuta, biex thallih lilha biss b'wirt. L-attur jghid li dan kien ingann pprattikat minn martu kontrih. Hu jammetti li rceva sehemu mill-flus li kien hareg pero' jinsisti li martu u ommha dahku bih.
Dan l-incident gab iz-zwieg fi tmiem naturali, billi l-fiducja tieghu f'martu spiccat. Skond hu z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba l-agir possessiv u dominanti taghha li rrenda il-hajja matrimonjali insopportabbli.

Hu jghid li ghalkemm baqghu jghixu fl-istess dar iz-zwieg ilu is-snin li tkisser. Fil-25 ta' Jannar 2003 martu qaltlu li mhiex ser tibqa' ssajjarluu tahsillu hwejjgu u l-kamra tieghu. Kien jaghtiha manteniment ta' LM250 fix-xahar li minn Lulju 2003 ma baqax jhallasha. Hu kien pero' awtorizzha tizbanka xi flus mill-bank. Il-parti l-kbira tal-kontijiet bankarji huma f'isimha. Lit-tfal kien jaghtihom il-flus li kienu jitolbuh.

Id-dar matrimonjali "Aloha", 5 Triq il-Parocca Naxxar xtraha hu b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Angelo Vella fit-2 ta' Awissu 1979 Dok DP3 ( huma zzewwgu fit-30 ta' Mejju 1981) ghalhekk iddikjara li d-dar hi propjeta' parafernali tieghu.

Fl-14 ta' Awissu 1992 b'kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Angelo Vella, Dok DP4 xtara in-nofs indiviz ta' garage minn ghand ommu, in-nofs l-iehor kien wirtu minn ghand missieu. Dan kien speci ta' rigal minn ghand ommu li riedet li jiehdu f'hajjitha. Xtara ukoll zewg garages ohra, Dok DP5 matul iz-zwieg.

F'kontijiet bankarji hemm circa Euros 35,000; minnhom circa Euros 7,000 kien wiret minn ghand misieru li miet fin-1991 u ammont iehor rcevieh bhala donazzjoni minn ghand ohtu, billi kien ceda sehemu mid-dar ta' missieru.

Illum pensjonant u jircevi l-ammont ta' Euros 664 fix-xahar kif ukoll circa Euros 350 mix-xoghol ta' sprayer, Dok DP6.

Iddikjara li martu qed tahdem ma' Gasan Enterprises f'Portomaso u kkonkluda l-affidavit tieghu billi kkonferma li meta kienu qed jippruvaw jisseparaw bonarjament kien ppropna li jigi zbankat l-ammont dovut fuq il-Life Policy tieghu mal-Middle Sea Insurance u r-rikavat jinqasam bejniethom izda hi ssuppervjat u rrifjutat.

Il-konvenut iddikjara li l-atteggjament tat-tfal fil-konfront tieghu tbiddel kompletament minn mindu ppresenta l-affidavit, illum meta jidhol id-dar ma jaghtux kasu, u jkellmuh biss meta ghandhom bzonn xi haga, qabel kienu jikkommunikaw tajjeb. (fol. 187)

L-attur in kontro-ezami (fol. 217) kkonferma li jahdem ta' sprayer tal-ghamara, jghid li jaqla' kemm jifdi l-ispejjes, jaqla' xi Euro 500 fix-xahar u baqa' jahdem biex it-tifel, li jizboh il-bibien, ikollu fejn jahdem. Kera jhallas Euro 950 kull tlett xhur. Jircevi ukoll il-pensjoni tal-Pulizija tal-25 sena servizz li hi ta' Euro 664 fix-xahar.

It-tfal, erba' minnhom jghixu d-dar, u t-tifla l-kbira ta' 28 sena tghix ghar-rasha u ma tkellmux. Mantenient ghat-tfal ma jhallasx. Jghid li ghandu relazzjoni ma

Josienne Gatt, ilhom hbieb xi sitt snin cioe' minn mindu ppruvaw jisseparaw bonarjament. Hu ghandu l-kamra tieghu fid-dar matrimonjali fejn gieli jorqod, ma jorqodx id-dar meta jkun msiefer, jew xi weekend break jew meta l-habiba tkun ma tiflahx meta hu jorqod ghandha. Dan ilu jaghmlu minn meta hi sseparat minn mar-ragel taghha. Hu ddikjara s-segwenti:

" Jien ghandi relazzjoni intima ma' Josienne Gatt. Jien ili naf lil Josienne min mindu kont hdimtilhom id-dar taghhom. Ma niftakarx kemm ilu."

**S L, il-konvenuta**, fl-affidavit taghha, Fol 643, ikkonfermat li ltaqghet ma' zewgha fid-29 ta' Awissu 1977, damu gharajjes ghal tlett snin u zzewwgu fit-30 ta' Mejju 1981. Kellhom hamest itfal X li twieldet fin-1982, A ,li twieled fin-1986, Dwayne li twieled fin-1998, E li twieled fin-1991 u M li twieled fin-1993.

Hi tghid li l-kawza tat-tifrik ta' dan iz-zwieg kienet l-immaturita' ta' zewgha li baqa' dejjem jghix wara d-dell ta' missieru. In fatti mal-mewt ta' missieru l-imgieba tieghu nbiddlet mill-lejl ghan-nhar. Kien f'dak iz-zmien li zewgha ltaqa' ghall-ewwel darba fuq xoghol mal-mara li wara rrizulta li ma' zewgha kienet tahti ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg.

Meta missier l-attur wasal fl-ahhar, zewgha kien depressed, hakmuh id-dwejjaq. Kienu anke marru ghand tabib ghax beda jghid li ma kien jhoss l-ebda gibda lejha. Kien f'dan iz-zmien li zewgha ltaqa' ma' Josianne Gatt, li kienet mdejqa fiz-zwieg taghha billi r-ragel kien vjolenti, u bdiet ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Hi saret taf b'din ir-relazzjoni fis-6 ta' Jannar 2002 meta r-ragel taghha rceva telefonata li hasditu. Hareg 'l barra jigri u qalilha li jghidilha meta jigi lura. Billi dam bdew jinkwetaw u marru jfittxuh, l-ewwel marru l-Ghassa ta' San Giljan, fejn kien stazzjonat u wara marru l-Isptar San Luqa. Ma sabuhx, marru lura id-dar u gie lura xi 6 pm. Kellu dehra ta' biza' fuqu u dik n-nhar ammetta maghha li kellu relazzjoni ma' mara u li r-ragel taghha kien sawwatha u kisrilha l-ghadma ta' drieghha. Hadha ghand it-tabib taghna li baghathom l-Isptar. Qal lit-tifla ukoll dak li qal lil martu. Lill-konvenuta l-attur ma riedx jghidilha min kienet din l-mara, u l-konvenuta wara li ghamlet sal-4am tewdwen ikkonkludiet min din setghet kienet u kienet ser iccempel lil zewgha. F'dak il-punt zewgha ammetta li kienet hi.
L-ewwel darba li kienet ltaqghet maghha kien l-Hadd l-Ghadira fin-1990, l-istess sena li miet missier r-ragel. Zewgha kien laqaghha maghha u qalilha li kien ghamel xoghol ta' sprey fuq bieb taghha. Ghalkemm skopriet l-adulterju ta' zewgha fit-2002, xorta wahda kienet disposta li tahfirlu billi kienet thobbu izda hu kien iddecida li z-zwieg kien tkisser u ried jmur jghix ma' din il-mara l-ohra.

Kien indeciz x'ried jaghmel, kien issugerixxa li jixtru post iehor biex jghixu separatament, pero' hi ma kienitx accettat. Hi baqghet issajjarlu u tahsillu l-hwejjeg izda ma baqghux jorqdu flimkien. F'April jew Mejju 2007, telaq mid-dar u beda jgorr hwejgu ftit ftit. Minn dak iz-zmien qatt aktar ma raqad id-dar, kien jmur biss ghal ftit hin biex jigbor il-posta. Skopriet li ghall-birthday tieghu marru cruise fil-Mediterran u ghal birthday taghha f'Awissu marru l-Ingilterra.
Fi Frar 2003 ltaqghet b'kumbinazzjoni ma' din Josianne Gatt fsupermarket u tkellmu b'mod civili. Din qaltilha li spiccat l-Isptar minhabba zewgha billi kieku ma cempillhiex d-dar zewgha ma kienx jaqbadha u ma kienx jsawwatha.

Iddecidiet li tqabbad investigatur privat, u rrizulta minghajr l-ebda dubju l-adulterju ta' zewgha mal-imsemija Josianne Gatt, pero' xorta baqghet tispera f'rikonciljazzjoni u qatt ma ipprocediet b'kawza ta' separazzjoni.

Meta staqsiet lil zewga x'ghamlet hazin biex sab mara ohra u rrispondiha li "dawn affarjiet li jissuccedu". Hu ried jitlaq u jmur jghix f'garage il-Mosta izda hi kkonvincitu li postu d-dar mal-familja.

Binha, A, jahdem ma' missieru fil-garage ta' missieru biex jitghallem s-sengha ta' sprayer, u meta missieru skopra li fil-lista tax-xhieda kien hemm l-investigatur privat tant rrabbja li qal lit-tifel jghid lil ommu biex ma tersaqx lejn d-dar. Il-konvenuta ddikjarat li dwar din t-theddida ghamlet rapport l-Ghassa.

Zewgha kien kecca lill-binthom il-kbira, X meta din kellha tarbija u ma kellhiex fejn toqghod. Il-konvenuta tikkonferma li opponiet bi shih din d-decizjoni tal-attur billi binthom l-aktar li kellha bzonn l-ghajnuna kien fl-ewwel sentejn tat-trobbija tat-tarbija. Ghamlet rapport l-Ghassa u qalulha li bintha setghet tirritorna d-dar, pero' t-tifla billi ma rieditx li jizdied il-glied iddecidiet li ma tirritornax.

Omm il-konvenuta, li toqghod 60, Flat 4, 'Celsi', Independence Square, Valletta li kienet tikri mill-Gvern kellha l-opportunita' li tibbenefika minn skema li offra il-Gvern biex tixtri l-appartament. Il-partijet kienu qablu li jisilfuha l-flus biex tkun tista' tixtri l-appartament. Is-self sar 'brevi manu' pero' saret kostituzzjoni ta' debitu biex jikkawtelaw il-posizzjoni taghhom. Ommha hallsithom lura skond il-kuntratt u il-konvenuta ghaddietlu sehemu lill-attur li accetthom bla ebda rizervi. In fatti, fl-affidavit tieghu dan jammettieh, para 13 tal-affidavit tal-attur.

Biz-zmien aktar ma kibret ir-relazzjoni adultera tieghu aktar beda jonqos ir-rispett lejn martu. F'Mejju 1996 xtara karozza Kia Sportage minghajr ma tkellem ma' martu. Hi annettiet Dok X kambjala, li hu ffirma ghaliha. Hi kkonfermat li l-firma fuq il-kambjala mhiex il-firma taghha.

Ix-xogholijiet li kien jaghmel fid-dar qatt ma ghamilhom biex isebbah id-dar izda dejjem bil-hsieb li bix-xogholijiet d-dar tieghu zzid fil-valur. Kellhom polza tal-assikurazzjoni mal-Middle Sea Insurance, li saret fiz-zwieg, l-attur sarrafha u zamm il-flus kollha ghalih.

Il-konvenuta tiddikjara li zewgha abbuza minnha psikologikament, lilha kompletament abbandonha qiesa ma tezistix mentri mal-habiba juri rispett affezzjoni, gentilezza u mhabba. Il-konvenuta tistqar li mis-sena 2003 zewgha qatt ma hallasha manteniment, la ghaliha u l-anqas ghat-tfal. Biex tlahhaq mal-ispejjes tal-familja kienet kostretta li ssib impieg, paga minima, li kollha tonfoqha fuq il-htigijiet tal-familja, partikolarment l-edukazzjoni tat-tfal. Hi thoss li anke minn dan l-aspett zewgha abbuza minnha, billi qed iggorr dan il-pis kollu wahedha. Hi u uliedha qed jghixu hajja difficli mimlija sagrificcji, mentri hu qed jonfoq flusu ma’ mara ohra nonkuranti mill-obbligi matrimonjali tieghu kemm bhala r-ragel kif ukoll bhala genitur. Ghalkemm it-tfal gieli jitolbuh il-flus qatt ma jaghatihom aktar minn Euro20.

Ikkonfrontat lil zewgha dwar ir-relazzjoni adultera tieghu ma’ Josianne Gatt, staqsietu kienx ser jitlaqha u jmur lura mal-familja, u meta rrealizzat li ma ried jaf b’xejn ddecidiet li ma tibqax tiehu hsiebu. F’Gunju 2006 meta kienet sejra il-Qorti rathom flimkien lambrazzetta fi Strada Rjali, Valletta, billi hi gabet s-separazzjoni minn zewgha qed jghixu flimkien f’appartament fil-Qawra.

Zewgha jircevi il-pensjoni tal-Pulizzija u jahdem fix-xoghol ta’ spray tal-ghamara kull jum mit-Tnejn sas-Sibt minn fil-ghodu sas-6.30pm.

Hi elenkat l-ghamara parafernali taghha, cioe’ s-segwenti:

Gastri, rocking chair ta’ Vienna, sett tas-salott, kamra tas-sodda, kamra tal-ikel, karma tal-banju li saret bi flusha meta kienet ghadha xebba, pavimentar tad-dar kollha, li ukoll sar bi flusha meta kienet xebba, u d-dota.

Wara s-separazzjoni ‘de facto’ xtrat bi flusha magna tal-hasil u forn.

Il-konvenuta qed titlob li tigi assenjata lilha il-karozza KIA Avella numru ta’ registrazzjoni KIA 519.

Tipprettendi li zewgha ihallas manteniment ghall-ulied, billi ilu is-snin ma jikkontribwixxi ghal-htigijiet taghhom.

Iddikjarat li fil-Bank of Valletta hemm kont f’isimha li jghajjat lil binha z-zghir M, f’dan il-kont hemm il-flus kollha li t-tfal rvevew bhala rigali matul is-snin.

Irreferiet ghad-dokument EPI u pproponiet li l-flus f'dan il-kont ghandhom jinqasmu bejn it-tfal skond kif kienu rcevew ir-rigali matul is-snin.

Kien hemm Baby Bond fuq isem l-attur, liema polza giet minnu zbankata f'Mejju 2006 u zamm il-flus kollha. Elenkat il-kontijiet li kellhom mal-Bank of Valletta kif ukoll l-ammonti sbankati mill-attur li jammontaw ghal LM6,215.25 u hi tippretendi li tircevi minn ghandu nofs dan l-ammont.

Iddikjarat li kienu ssellfu flus minn ghand il-genituri tieghu biex inxtrat d-dar matrimonjali, ippresentat Dok EP3 ricevuti tal-genituri tieghu ghall-pagamenti li saru waqt iz-zwieg. In oltre, waqt iz-zwieg saru diversi benefikati fid-dar, xogholijiet estensivi b'nefqa ta' ammonti sostanzjali, fosthom madum gdid, karma tal-banju, tarag tal-granit u balavostri, bibien tal-kewba, twieqi tal-aluminium, karma tal-bejt bil-kamra tal-banju u diversi xogholijiet ohra.

Dwar id-dar matrimonjali l-konvenuta kkonfermat li nxtrat b'kuntratt tat-2 ta' Awissu 1979 in Atti Nutar Dottor Angelo Vella, fuq isem ir-ragel bil-prezz ta' LM4,000; li minnhom LM1,200 thallsu mal-kuntratt qabel iz-zwieg u l-bilanc thallas fiz-zwieg. Id-dar nxtrat minnhom it-tnejn bil-hsieb li din tkun d-dar matrimonjali. It-tnejn hallsu ghaliha u ghalhekk hi tippretendi apparti id-dritt ta' abitazzjoni ad eskluzzjoni ta' zewgha, li tigi assenjata lilha nofs din il-propjeta.

Hi tinsisti li kien zewgha li ddecida li jabbanduna lilha u lill-uliedhom minhabba r-relazzjoni adultera tieghu u ghallhekk ghandha tinghataa d-dritt li tibqa tghix fiha ma uliedha.

Ghandhom ukoll tlett garages li hi tippropni li jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Iddikjarat finalment li tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubietha.

**Nick Calamatta, ghall Calamatta, Cuschieri & Co. Ltd,** (Fol 184) ippresenta bhala Dok NP1 il-portfolio tal-attur u kkonferma li l-investiment hu fl-ammont ta'LM367.05, originarjament kienu jiswew circa LM 1,300.

**Audrey Ghigo, ghal HSBC Bank Malta plc**, Fol 185, ikkonfermat li rrizulta li l-attur ma kellux kontijiet mal-bank.

L-istess iddikjarat, **Josette Agius, ghal APS Bank Limted**, u **Jeanette Lepre',** Fol 186, **ghall-Lombard Bank**.

**Audrey Ghigo, ghal HSBC Bank Malta plc**, Fol 194 ikkonfermat li kien hemm joint account li nfetah fil-25 ta' Mejju 1996 u nghalaq fid-19 ta' Awissu 1999.Dan

il-kont kien intuza biex tithallas il-loan tal-vettura li jirrizulta li thallset. Kellhom kont iehor joint li infetah 16 ta' Marzu 1999 u inghalaq fl-20 ta' Dicembru 1999.

**Joseph Borg Cardona, ghal Bank of Valletta plc**, ikkonferma li mir-ricerki li ghamel rrizultalu li l-partijiet kellhom 35 kont f'isimhom separati jew joint. Hu ppresenta d-dokumenti relattivi li gew immarkati Dok JBC1 sa JBC 35. Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li dawn il-kontijiet jirreferu ghal self tal-partijiet biex inxtraw iz-zewg vetturi Kia tal-partijiet.

**Oliver Abela, l-investigatur privat ingaggjat mill-konvenuta**, Fol 203, kkonferma li kien ingaggjat fit-12 ta' April 2006 u li sega lil Josephine Gatt mill-20 ta' April 2006 sat-23 ta' April 2006. Hu kkonferma li l-attur u Josianne Gatt hargu mill-Casino di Venezia fit-23 ta' April 2006 f'nofs il-lejl u tmien minuti, marru fil-lukanda Victoria tas-Sliema u qattaw il-lejl hemm. Hu ppresenta rapport bid-dettalji kollha market Dok OA1.

**Mario Buttigieg, private investigator imqabbad mill-konventa**, Fol 205 ikkonferma li ghamel l-ghassa bejn is-16 ta' Dicembru 2004 u d-19 ta' Dicembru 2004. Ippresenta rapport market DokMB1 u CD li juri filmat tal-attur.

**Enrico Depasquale,** Fol 210 xehed dwar il-cash surrender value tal-Insuance policy, u li kieku il-polza giet surrendered dik n-nhar, hu xehed fis-seduta li saret fis-27 ta' April 2009, W Piotta kien jiehu l-ammont ta' Euro 16,535.82.

**Jimmy Gatt**, prodott mill-konvenuta xehed fis-seduta tal-28 ta' Mejju 2009 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 212. Hu ddikjara li kien jaf lill-attur billi dan kien ghamel xi xoghol ta' spray fid-dar tieghu, dan kien fin-1989. Hu induna fis-sena 2000/2001 li martu, Josianne Gatt, li illum hu sseparat minnha, kienet qed tikkommunika ta' spiss mal-istess persuna kemm bil-mobile kif ukoll mill-land line. Mill-informazzjoni li akkwista minn TeleMalta skopra li dawn in-numri kienu ta' W L.

Kien offra lill-martu li jixtrilha mobile u darba, meta rritorna mat-tfal mill-quddies sabha titkellem fuq il-mobile. Cempel hu fuq dak in-numru u rrispondih ragel. Dan l-istess numru kien jidher fl-itemized bill. Sar jaf li l-landline number kien tal-garage ta' W L.

Hu ddikjara li meta skopra li martu kienet qed ta'spiss tikkomunika mal-attur ipprova jsalva iz-zwieg jghid li dahlu anke qassisin u sorijiet. Il-mara tieghu kienet ta' spiss tiffrekwenta il-Casino, hu kien waqaf jmur xi tmien snin qabel. Il-mara kienet telqet mid-dar meta qabadha titkellem mieghu fuq it-telephone. Meta rega xehed fis-seduta ssussegwenti ddikjara li ssepara minn ma martu fis-sena 2005, u wara kien raha fil-kumpanija tal-attur erba' darbiet, hdejn il-garage ta'

Doald L, hdejn Joinwell tas-Sliema, hdejn l-Oracle Casino f'Bugibba u hdejn is-Suncrest il-Qawra. Jahseb li martu toqghod il-Qawra ghax kien qallu minn bieghilha l-post.

**Josianne Gatt**, Fol 229, ikkonfermat li hi u l-attur huma hbieb intimi u ilhom intimi mis-sena 2007. Kienet ilha tafu mis-sena 1990 meta hadmilha fid-dar. Iddikjarat li bi hbieb intimi tifhem relazzjoni, u ghalkemm l-attur ma jghix ghandha jorqod ghandha fil-weekends u meta tkun ma tiflahx.

Wara li hadmilha fin-1990 ma baqghetx f'kuntatt mieghu. Fis-sena 2000 meta hi kienet tahdem bhala sales representative ma' Ignazio Anastasi Limited kienet marret biex tbieghlu xi affarjiet u stabbiliet kuntatt mieghu. Ir-relazzjoni taghhom bdiet fis-sena 2001, pero' fis-sena 2002 kellha incident mar-ragel u cemplet lill-attur biex jghinha. Ltaqghu n-Naxxar u hadha ghand tabib, cemplet lilu ghax kienet tiftah qalbha mieghu fuq il-problemi li kellha. L-attur hadha l- isptar fejn irriferiha t-tabib, ghamlet gimgha hemm u xahar ghand ommha u wara rriconciljat ma' zewgha. Meta xehdet fis-seduta sussegwenti, mizmuma fil-21 ta' Gunju 2012 mill-Perit Legali, Fol 231, ikkonfermat li r-relazzjoni intima taghhom bdiet fit-2007 u bdiet s-separazzjoni ma' zewgha fit-2005.

**X L**, bint il-partijiet, fl-affidavit taghha mahluf fil-25 ta' Gunju 2008 Dok RP Fol 582 et seq ddikjarat li fit-trobbija taghha ma kien naqasha xejn, kienet kuntenta u sodisfatta minn kollox . Lil missierha tiftakru bhal ragel kwiet, jilghab u jiccajta mat-tfal, jaghmel facendi u xogholijiet ohra fid-dar fil-waqt li ommha dejjem kellha x'taghmel tiehu hsieb id-dar u l-familja. Hi tiftakar li r-relazzjoni tal-genituri kienet tajba hafna.

Biz-zmien missierha beda jzied fix-xoghol li kien jaghmel part time u ghalhekk dejjem kien qed iqatta' anqas hin id-dar, kien jirritorna ghajjien mix-xoghol u ghalhekk ma kienux johorgu flimkien. Xi drabi hu kien johrog ma' xi hbieb, u spiccaw qatt ma kienu johorgu flimkien. Dwar hinijiet kemm setghet iddum barra, missierha kien dejjem jghidilha biex tistaqsi lil ommha.

Meta hi ltaqghet mal-gharus taghha il-genituri partikolarment missierha ma kellhux pjacir bih. Xi sentejn wara li bdiet tohrog mal-gharus il-glied fid-dar bejn il-genituri kien dejjem jizdied. Gieli kien icempel it-telephone tad-dar u jekk tirrispodi hi, ommha jew xi hadd minn hutha, ma kien jwiegeb hadd. Dan ma kienx jsir meta missierha jirripondi it-telephone.

Darba, kienet il-gurnata tal-Hadd, missierha kien d-dar, irrisponda telefonata u deher inkwetat hafna Telaq jigri 'l barra u lill-ommha qalilha "Dalwaqt gej" izda baqa' ma giex lura u ommha l-ewwel inkwetat u wara ippanikjat u saret histerika. Marru jfittxuh bil-karozza l-Isptar u l-Ghassa ta' San Giljan fejn kien stazzjonat.

Ma sabuhx regghu marru lura d-dar inkwetati. Irritorna xi 6pm. Il-genituri nghalqu fil-kamra tas-sodda, pero' lit-tifla li kellha 18 il-sena ried jghidilha, u wara hafna domandi jekk kellux problemi fuq ix-xoghol, jew xi mard, ammetta li kien hemm mara ohra. Hu ried jaqbad u jitlaq dak il-hin stess. Ommha hafritlu u talbitu ma jitlaqx. Telqet hi izda rritonat aktar tard meta hu kien xoghol ta' bil-lejl. Bdiet tfittex fid-direttorju taht l-ittra 'G' u lit-tifla qaltilha li skopriet min kienet din il-mara pero' lit-tifla ma rieditx tghidilha.

Mill-ghada missierha kien jbiddel u johrog fil-hin taz-zjarat fl-Isptar, u eventwament ommha qaltilha l-istorja kollha cioe' li r-ragel ta' din il-mara qabadha fuq it-telephone mal-attur, ta' xebba u spiccat l-Isptar bi ksur fl-ghadam. L-attur kien wassalha u kien jinvistha regolarment.

Skopriet li din il-mara kienet tahdem ma' Ignazio Anastasi Limited u kienet tmur tistenna lill-Manager fejn kienet tahdem hi biex thajjru jixtri oggetti tal-kumpanija fejn kienet tahdem, u sakemm tistenna kienet tpoggi fuq sufan hdejha u titkellem maghha. Meta marret id-dar ommha ikkonfermatilha li kienet hi ghax l-attur kien infurmha lill-konvenuta. Ommha xorta wahda baqghet issajjarlu u tahsillu, kienet anke tohodlu l-ikel il-garage.

Darba gie tard mix-xoghol, ommha hallietlu l-iekel, l-istess li kielu huma, fil-micro wave u meta gie rrifjuta li jiekol u ddikjara li ma jiekolx 'leftovers', li fil-fatt ma kienx. Wara dan l-incident ommha marret lura hafna, ma baqetx tiekol, il-hin kollu tixrob it-te' tilfet hafna piz beda anke jihfifilha xagharha.

Sentejn wara, f'Jannar 2004 kellha tifla, ommha baqghet maghha il-hin kollu u missierha l-anqas mar jaraha, semplicement cempillha u staqsiha kif inhi u kellhiex bzonn xi haga. Kellha xi tghid ma' missierha li kien anke ipprovoka lill-gharus taghha, li baqa'kwiet u l-ghada beda jghajjat maghha u jghajjarha u telqet mid-dar u qatt ma marret lura.  Hi jiddispjaciha ghal dak li ghamel missierha kontra ommha u hutha pero' ma ghandha l-ebda sentimenti negattivi fil-konfront tieghu u billi hi lil missierha ghadha thobbu.

**A L**, bin il-partijiet, fl-affidavit tieghu,Dok KP Fol 587, kkonfema li meta kienu zaghar qatt ma naqqashom xejn kienu komdi u kuntenti. Missieru kien jkun dejjem xoghol fil-ghodu pulizija u fil-ghaxija fil-garage jew viceversa. Meta kien ikun frank il-Hadd kien johodhom l-Ghadira jew jaghamel xi facendi fid-dar. Ommu qatt ma gieghelitu jaghmel xogholijiet fid-dar bil-fors kienet semplicement tigbidlu l-attenzjoni dwar il-htiega ta' manutenzjoni tad-dar. Ommu dejjem hadet hsieb it-tindif tad-dar u kienet anke issib hin biex tghinhom fil-homework. Missieru beda jfittex il-kumpanija tal-hbieb ghall-hrug u din bdiet tikkreja certu glied bejn il-genituri.

Irrakkonta l-incident li gara fis-6 ta' Jannar 2002, meta il-genituri tieghu u ohtu dahlu fil-kamra taghhom, kien hemm hafna ghajjat u ohtu titlob lill-missierha biex ma jitlaqx. Ommu, anke wara dan l-incident baqghet tittratta lil missieru bl-istess mod, kompliet issajjarlu u tnaddaflu u tohodlu il-pizza fil-garage fejn kien ikun jahdem. Dan kienet taghmlu biex tipprova tghaqqad il-familja. Pero' il-missier kien qabad stil ta' hajja differenti ma' mara ohra li ma ridtx ibiddel. Darba kien qallu li ma ridtx jara lil ommu id-dar inkella "b'rasha jdur", hu kien irrabbjat ghax ommu kienet qabdet private investigator. Ommu riedet taghmel rapport l-Ghassa, hu ghal-ewwel ma qabilx billi ma ridx jaghmel rapport kontra missieru pero' wara irrealizza li hekk kellu jaghmel.

Wara dan l-episodju hadd ma baqa' ikellem lil hadd. Ikkonferma li din il-mara li ghandu missieru gieli giet fil-garage fejn jkunu qed jahdmu, pero' meta tigi hu minn rajh jallontana ruhu.

**Dwayne L** , tifel iehor tal-partijiet, fl-affidavit tieghu, Dok DP Fol 588 iddikjara li meta kien jqabbel lilu innifsu ma' shabu fl-iskola kien jirrealizza li dawn jqattghu aktar zmien minnu ma' missierhom, u dan billi missieru kien jahdem kull jum sad-9pm. Irrakkonta l-incident meta missieru kien inkwetat, rega' hareg mill-ewwel u dam biex irritorna. Kien hem hafna ghajjat d-dar u hu kien beza'. Jiftakar l-incident meta missieru kecca lil ohtu mid-dar fil-presenza tal-gharus taghha u kien hemm hafna ghajjat u storbju. Il-genituri tieghu kienu jevitaw lil xulxin fid-dar biex jevitaw il-glied. Qabel ma inqala l-inkwiet qatt ma kien jkun hemm storbju u ghajjat fid-dar. Missieru kien jibda jinfexx fl-ghajjat meta kien jkun jrid xi firem tal-mara fuq xi dokumenti u hi kienet tirrifjuta li tiffirma.

Mill-atti jirrizulta illi l-attur W L xtara d-dar matrimonjali b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Angelo Vella tat-2 ta' Awissu 1979 Dok DP3 fol 244. Id-dar, Joy, Parish Sreet, Naxxar nxtrat minn ghand Carmelo Briffa u hutu bil-prezz ta' LM3,000 li fuq l-istess kuntratt isselifhom minn ghand missieru Pasquale L. Id-dokumenti minn Fol 632 sa Fol 639 huma kopji ta' ricevuti mit-22 ta' Gunju 1980 sat-30 ta'Settembru 1990 ta' pagamenti li saru lill-istess Pasquale u Teresa L.

**Il-Perit Legali Dottor Sandra Sladden**, halfet ir-rapport taghha fl-14 ta' April 2016, Fol 676 et seq. Hi waslet ghall-konkluzjonijiet segwenti:

Ir-responsabilita' ghat-tkissir taz-zwieg hi imputabbli lill-attur, principalment in vista tar-relazzjoni adultera li kellu ma mara ohra. IL-konvenuta ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 5 ' Aloha' Parish Street Naxxar ma' uledha ad eskluzjoni ta' zewgha. It-talbiet dwar il-kura u kustodja tat-tfal huma superati billi dawn illum huma maggiorenni. L-attur ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment lill-konvenuta fl-ammont ta' Euro 250 fix-xahar li jghola kull sena skond l-gholi tal-hajja. Is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16

ghandhom jigu applikati fil-konfront tl-attur. Il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, pero' id-dar matrimonjali, li jirizulta li thallset mill-flus tal-komunjoni ghandha tibqa' in kommun bejn il-partijiet, u fiha tibqa tirrisjedi l-konvenuta u uliedha; it-tlett garages ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam bejniethom. Ghandha tigi assenjata lill-konvenuta il-vettura Kia Avella numru ta' registrazzjoni KIA 519, u il-vettura l-ohra tigi assenjata lir-ragel.

Kontijiet bankarji, dawk li huma f'isem l-attur ghandhom jibqghu f'ismu dawk il-kontijiet li huma f'isem il-mara ghandhom jibqghu f'isimha. L-kont li l-attrici ddikjarat fih il-flus tat-tfal ghandu jinqasam bejn it-tfal.

Billi rrizulta li l-attur sbanka l-ammont komplesiv ta' LM6215.25 ekwivalenti ghal Euro 14,477.64 l-attur ghandu jirrifondi lill-konvenuta nofs l-ammont cioe' Euro 7,238.82. L-investiment ma' Calamatta Cuschieri & Co Ltd ghandu jingibed u jinqasam ugwalment bejniethom. L-attur ghandu jirrifondi lill-konvenuta l-ammont ta'Euro 4484.72 nofs l-ammont li rceva hu mill-Baby Bond mal-Middle Sea. L-attur ghandu jirritorna lill-konvenuta l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu, alternattivament li jhallasha il-valur taghhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet zzewwgu fit-30 ta' Mejju 1981 u kellhom hamest itfal. Ir-ragel ipproceda b'kawza ta' separazzjoni personali fil-31 ta' Jannar 2005 u allega eccessi da parti ta' martu u inkompatibilita' ta' karattri. Il-mara tikkontesta dawn l-allegazzjonijiet u b'kontro-talba minnha ippresentata qed titlob dikjarazzjoni li z-zwieg tfarrak ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, partikolarment, l-adulterju.

Ir-ragel ddikjara li l-eccessi ta' martu kienu jikkonsistu fil-fatt li kienet kontinwament tordnalu li jaghmel xogholijiet fid-dar, bhal tibjid ta' kmamar u xoghol iehor simili, u li qatt ma kienet tkun sodisfatta bix-xoghol tieghu. Jghid li kienet awtoritarja u predominanti u anke fil-kumpanija tal-hbieb kienet timbarrazzah, billi kienet trid turi li id-dar tikkmanda hi. Hu kien jahdem bhala pulizija bix-sift u fil-hin frank kien jahdem fil-garage xoghol ta' spray tal-ghamara, u ghalhekk id-dar kien jmur ghajjien, u ma kienx jiehu pjacir jigi ordnat jahdem fid-dar ukoll wara gurnata xoghol. Hu jghid li ma setax jibqa' jissapporti f'din l-hajja li jiddeskrivi bhala 'infern'.

Il-mara mill-banda l-ohra ddikjarat li zewgha x-xoghol fid-dar kien jaghmlu minn rajh u mhux ghax kien jkun ordnat minnha, u kien jaghmlu ghax kien fl-opinjoni tieghu benefikat fid-dar li hu kien jippretendi li kienet propjeta' paraferali tieghu. Anke t-tfal tal-partijiet, meta xehedu dwar x-xogholijiet li missierhom kien

okkazzjonalment jaghmel fid-dar, qatt ma kkumentaw li dan kien xi imposizzjoni da parti tal-omm.

It-tfal qablu li fit-trobbija taghhom kienu kuntenti, u ma kien jonqoshom xejn, jghixu f'ambjent seren u kellhom z-zewg genituri li dejjem hadmu ghall-gid tal-familja. Il-missier kien jahdem x-xoghol ta' spray tal-ghamara, apparti ix-xoghol tieghu ta' pulizija, u l-omm kienet tahdem fid-dar, tnaddaf u ssajjar ghal-familja numeruza. L-omm kienet ukoll ssib hin tghinhom fil-homework tal-iskola u l-missier, fil-Hdud fis-Sajf meta jkun frank kien johodhom l-Ghadira.

L-inkwit nqala' meta rrizulta, fatt ammess mill-istess attur, li kellu relazzjoni ma' certa Josianne Gatt, li ukoll sseparat minn zewgha. Irrizulta mill-provi, li xi snin qabel l-attur kien hadem xi xoghol fir-residenza ta' din l-mara, li fethet qalbha mieghu billi kellha problemi ma' zewgha, u din l-konoxxenza saret relazzjoni intima, kif tammetti ukoll l-istess Josianne Gatt. Hemm ukoll ix-xhieda ta' zewgha li kien skopra li kienet kontinwament tikkomunika mal-attur kemm bil-*land line* kif ukoll bil-mobile, u hemm ukoll ir-rapporti tal-investikgaturi privati li kkonfermaw li f'gurnata partikolari l-attur u habibtu raqdu fil-Palace Hotel f'tas-Sliema.

Il-konvenuta u uliedha xhedu fid-dettal fuq dak l-incident partikolari meta l-attur rrisponda ghal telefonata fid-dar, deher mifxul ghall-ahhar u telaq 'l barra jigri u lil martu qalilha li ghidilha x'gara meta jigi lura. Dam ma gie u marru jfittxuh kullimkien u meta rritorna ammetta li kien ha lil habibtu l-Isptar wara li zewgha kien sawwatha u ikkagjonalha ksur. Il-konvenuta ddikjarat li anke f'dawn ic-cirkostanzi hi pprovat issalva z-zwieg, in fatti hu ried jitlaq mid-dar u hi insistiet mieghu li jibqa' billi postu kien fid-dar mal-familja. Baqghet issajjarlu u tnadafflu u tohodlu l-ikel il-garage fejn kien jahdem, pero' kkonfrontat minnha x'kien ser jaghael, kienx ser jaghzel lill-familja jew il-habiba, l-attur ghazel li jkompli jiffrekwenta il-Casinos mal-habiba u jaqsam maghha serati ta' sfogg u divertiment.

Ikkunsidrat;

**HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG.**

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie enuncjat li l-Ligi tqieghed bhala motiv illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Elisa Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi pprovata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 ntqal:

" L-adulterju jista' jigi ppruvat pemezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika.

Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Josephine Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe**" deciza mill-PrimAwla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

" Darba ppruvat l-adulterju tal-konjugi konvenut, il-Qorti m'ghandhiex bzonn tidhol f'motivi ohra ta' separazzjoni dedotti fic-citazzjoni."

"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza'de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt."

Ikkunsidrat;

Ezaminati l-provi kollha migjuba l-Qorti hi tal-ferma fehma illi z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba r-relazzjoni adultera li l-attur beda ma' Josianne Gatt, relazzjoni li ghadha fis-sehh sallum. Mill-kumpless tax-xhieda prodotta il-Qorti tikkonkludi illi l-attur ikkommetta adulterju meta kien ghadu qed jirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali. Ghalkemm l-attur jghid li z-zwieg tal-partijiet kien ilu s-snin ghaddej minn diffikultajiet, tali diffikultajiet ma kienux jintitolaw lill-attur illi jikkommetti adulterju waqt li ghadu qed jirrisjedi ma' martu u uliedu fid-dar matrimonjali.

Ix-xhieda tal-attur fir-rigward tar-relazzjoni adultera tieghu hija skarsa filwaqt li l-konvenuta rikonvenzjonanti resqet diversi xhieda sabiex tipprova illi l-adulterju tal-attur kien il-kagun principali ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Il-provi imressqa mill-konvenuta juru illi r-relazzjoni adultera kienet ilha ghaddejja ghal diversi snin, ferm qabel ma tali relazzjoni giet a konoxxenza tal-konvenuta b'mod

inaspettat. Mir-rapporti tal-investigaturi inkarigati mill-konvenuta rikonvenzjonanti gie ppruvat minghajr ebda ombra ta' dubju illi l-attur kellu relazzjoni adultera meta kien ghadu qed jirrisjedi ma' martu u uliedu fid-dar matrimonjali.

Jirrizulta illi minn meta l-attur beda r-relazzjoni adultera tieghu ir-relazzjoni tieghu minn ma' martu beda jitbieghed minn ma' martu tant illi l-partijiet, ghalkemm kienu qed jghixu taht l-istess saqaf, ma kienux qed jghixu ta' mara u ragel mizzewga lil xulxin. Mix-xhieda ta' ulied il-partijiet jirrizulta illi wara li l-konvenuta rikonvenzjonanti saret taf bir-relazzjoni ta' zewgha ma' mara ohra waqghet f'dipressjoni u bdiet tmur lura anke fizikament. Filwaqt li l-konvenuta kienet lesta li tahfer lill-attur sabiex jigi salvat iz-zwieg tal-partijiet, l-attur wera bic-car illi ma kienx dispost li jirrikoncilja ma' martu izda kien deciz li jkompli bir-relazzjoni tieghu ma' mara ohra bil-konsegwenza li z-zwieg tal-partijiet ma kienx aktar rekuperabbli.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament l-attur minhabba l-adulterju minnu kommess.

**DAR MATRIMONJALI**.

Jirrizulta mill-kuntratt ippubblikat min-Nutar Angelo Vella fit-2 ta' Awissu 1979 illi d-dar matrimonjali hija proprjeta' esklussiva tal-attur rikonvenzjonat in kwantu inxtrat minnu wahdu qabel iz-zwieg. (ara Dok DP3 ezebit mill-attur). Jirrizulta wkoll illi ghalkemm id-dar inxtrat f'isem l-attur wahdu, sew l-attur kif ukoll il-konvenuta ikkontribwew sabiex tali fond inxtara u thallas.

**Artikolu 55Atal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:

(a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il- perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew

(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew

(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:

Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej:

(a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu;
(b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u
(ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.

(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3A(2) ma japplikax fir-rigward ta' miżżewġin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ġie miftiehem mill-miżżewġin jew ordnat mill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti s-separazzjoni personali; udak il-ftehim jew ordni ma jkollux seħħ kontra terzi ħlief mill-waqt li dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mniżżel fir-Reġistru Pubbliku."

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-attur rikonvenzjonat huwa unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba adulterju, l-Qorti qed tikkonsidra illi l-konvenuta rikonvenzjonanti ghandha tinghata d-dritt li tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali kif anke gie rakkomandat mill-abbli Perit Legali. Jehtieg pero' jigi ezaminat jekk tali dritt ta' abitazzjoni esklussiva ghandux jinghata vita durante jew inkella ghal perijodu determinat.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Giovanna sive Jane Bianco vs Carmelo Bianco**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 gie trattat l-Artikolu 55A tal-Kap. 16 li fuqu l-konvenuta rikonvenzjonanti qed isejjes it-talba taghha sabiex tinghata d-dritt li tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali vita durante. Fil-kawza appena citata l-kaz kien jitratta proprjeta' appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Intqal hekk fir-rigward:-

"L-Artikolu 55A m'ghandux jigi applikat b'mod li jservi sabiex parti tibqa' privata ndefinittivament minn dak li jispetta lilha skont il-ligi, partikolarment fil-kaz inkwistjoni meta d-dar u l-garaxx huma l-unici assi ta' sustanza li ghandhom il-partijiet. Inoltre, it-tifla m'ghadhiex minorenni, u ghalhekk mhux il-kaz ta' minuri li ser issofri pregudizzju bil-bdil tar-residenza. Min-naha l-ohra pero`, f'kazijiet bhal dak in dizamina fejn il-htija tal-firda tkun tirrisjedi unikament fuq parti wahda, hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 55A b'mod ristrett ghal dak li hu t-tul ta' perjodu li fih il-parti tkun tista' tabita ad eskluzjoni tal-parti l-

ohra. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-htija unika tal-konvenut ghal firda, pprefiggiet terminu massimu ta' sentejn. Din il-Qorti thoss li jkun gust li dan il-perjodu jizdied ghal erba' (4) snin, fis-sens li l-attrici u bint il-partijiet ikollhom dritt li jabitaw fil-fond konjugali, inkluz l-uzu tal-garaxx, ad eskluzjoni tal-konvenut ghall-perjodu ta' massimu ta' erba' snin, wara liema perjodu l-fond jinbiegh bl-ghamara li hemm fih u r-rikavat jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet."

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi tenut kont li l-konvenuta m'ghandiex residenza alternativa u lanqas il-fondi necessarji sabiex takwista fond residenzjali alternattiv, filwaqt li l-attur rikonvenzjonant ghandu l-pensjoni tal-irtir mill-korp tal-pulizija u dhul mill-hidma lavorativa tieghu bhala sprayer, ikun gust illi l-konvenuta rikonvenzjonanti tinghata d-dritt ta' abitazzjoni tad-dar matrimonjali ghal zmien hames (5) snin millum.

**MANTENIMENT.**

L-attur xhed illi l-konvenuta tahdem mal-kumpanija Gasan. Dan ma jirrizultax li gie kontestat mill-konvenuta. Fic-cirkostanzi u fuq bazi ta' probabilita' il-Qorti qed tikkonsidra illi l-konvenuta ghandha dhul adegwat ghall-ghixien taghha mill-hidma lavorativa taghha. Il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom.

Kien jinkombi fuq il-konvenuta l-oneru li tressaq il-provi rigwardanti l-htigijiet u d-dhul rispettiv tal-partijiet gialadarba resqet talba ghall-manteniment,. F'dan ir-rigward il-provi huma skarsi ghall-ahhar u l-Qorti ma hiex f'posizzjoni illi serenament tasal ghall-konkluzzjoni illi l-konvenuta rikonvenzjonanti jehtigielha fil-prezent tigi mantnuta mill-attur.

Pero' fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti ser tirrizerva dan id-dritt lill-konvenuta fl-eventwalita' futura li tinqala htiega f'dan ir-rigward.

**SANZJONIJIET KONTEMPLATI FL-ARTIKOLU 48 TAL-KAP. 16.**

Tenut kont li l-attur rikonvenzjonat qed jinstab unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju, l-Qorti qed tikkommunia kontra tieghu is-sanzjonijiet u d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**TERMINAZZJONI U LIKWIDAZZJONI TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.**

Irrizulta li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tar-ragel u ghalhekk mal-iskadenza tat-terminu ta' hames snin dritt ta' uzu da parti tal-mara, il-pussess ta' tali fond ghandu jghaddi ghand l-attur.

Matul iz-zwieg gew akkwistati tlett garaxxijiet permezz ta' zewg kuntratti akkwistati wiehed in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Angelo Vella fl-14 ta' Awissu 1992 u tnejn in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Marco Burlo' fid-29 ta' Jannar 1996. Il-Qorti qed tordna li dawn it-tlett garaxxijiet ghandhom jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

Jirrizulta li matul iz-zwieg il-partijiet xtraw zewg vetturi it-tnejn tal-marka KIA. Il-Qorti tordna li vettura nru KIA-519 tigi assenjata lill-konvenuta filwaqt li l-vettura l-ohra tigi assenjata lill-attur.

Kontijiet Bankarji. Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tordna illi l-kontijiet bankarji f'isem l-attur wahdu ghandhom jigu assenjati lilu, il-kontijiet bankarji f'isem il-konvenuta wahedha ghandhom jigu assenjati lilha, u l-kontijiet bankarji f'isem iz-zewg partijiet ghandhom jinqasmu bejniethom f'sehem indaqs.

Jirrizulta mix-xhieda tal-konvenuta mhux kontradetta illi l-attur gibed l-ammont komplessiv ta' Euros 14, 477.64 mill-kontijiet li l-partijiet kellhom mal-Bank of Valletta. Ma inghatat l-ebda spjegazzjoni mill-attur x'uzu ghamel minn dan l-ammont. Tenut kont li dan l-ammont kien jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti, l-Qorti qed tordna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta s-somma ta' sebat elef, mitejn u erbghin ewro (Euros 7,240) bhala sehemha mill-imsemmija somma zbankata mill-attur.

Irrizulta li l-attur kien ippreleva s-somma ta' Euros 8,969.44 minn imvestiment mal-Middlesea imsejjah "Baby Bond". Il-Qorti ghalhekk qed tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' Euros 4,484.72 bhala sehemha mill-imsemmija somma.

Trodna wkoll li l-investimenti f'isem il-partijiet individwalment jew flimkien li dwarhom xhedu rapprezentant ta' Calamatta Cuschieri & Co. ghandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**Beni Parafernali**.

Il-konvenuta xhedet illi s-segwenti mobbli" gastri, rocking chair ta' Vienna, sett tas-salott, kamra tas-sodda, kamra tal-ikel huma parafernali taghha. Xhedet minghajr ma giet kontradetta illi l-kama tal-banju fid-dar matrimonjali saret bi flusha meta kienet ghadha xebba kif ukoll il-pavimentar tad-dar kollha, li ukoll sar

bi flusha meta kienet xebba, u d-dota. Xhedet illi wara s-separazzjoni 'de facto' xtrat bi flusha magna tal-hasil u forn. Ghahekk il-Qorti qed tordna illi l-oggett mobbli imsemmija ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta. Dwar il-flus minnha mahruga qabel iz-zwieg sabiex sar il-pavimentar kollu fid-dar matrimonjali kif ukoll il-kamra tal-banju fl-istess fond il-Qorti qed tillikwida arbitrio boni viri l-ammont li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta fis-somma ta' ghaxart elef ewro (Euros 10,000).

**SPEJJEZ**.

Tenut kont li l-attur rikonvenzjonat qed jinstab unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg il-Qorti qed tikkundannah ghall-ispejjez tal-kawza.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza u l-kontro talba billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet sollevati in kwantu kompatibbli mad-decizzjoni hawn riportata,

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament l-attur rikonvenzjonat minhabba adulterju.

2. Tichad it-tieni talba attrici.

3. Tilqa' it-tielet talba attrici u l-hames talba rikonvenzjonali bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura "Terminazzjoni u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti" u "Beni Parafernali".

4. Tichad it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali inkwantu la l-attrici u lanqas l-ulied ma jikwalifikaw ghall-manteniment b'dan illi qed jibqa' rizervat id-dritt lill-konvenuta rikonvenzjonanti illi fl-eventwalita' ta' bdil ta' cirkostanzi titlob ghall-manteniment kontra l-attur rikonvenzjonat.

5. Tilqa' ir-raba' talba rikonvenzjonali u tapplika kontra l-attur rikonvenzjonant is-sanzjonijiet u d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tilqa' in parte s-sitt talba rikonvenzjonali billi tiddikjara li l-konvenuta rikonvenzjonanti ghandha dritt tibqa' tabita fid-dar residenzjali, flimkien ma' ulied il-partijiet, ad eskluzzjoni tal-attur rikonvenzjonat, sa zmien hames snin millum.

7.	Tilqa’ is-seba talba rikonvenzjonali bil-mod kif deciz supra.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat.

**Imhallef** **Deputat Registratur**